**1 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Jason Borg

**Piena - Età - Artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali - Tnaqqis bi Grad jew Tnejn - Piena Karċerarja**

*Il-fatt li hu applikabbli l-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali ma jfissirx u m'għandux jiġi interpretat bħala li jfisser li żgħażagħ taħt it-tmintax-il sena jistgħu jinjoraw impunement il-liġi dwar il-liċenzji tas-sewqan. L-artikolu 37 ma jeskludix l-applikazzjoni, fil-każijiet li jkunu hekk jimmeritaw, ta' priġunerija jew ta' detenzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Jason Borg, ta' 17-il sena, talli fil-21 ta' Novembru, 1993 għall-ħabta tal-10.30 a.m. f'Hal Far Road, Hal Far, saq vettura numru L-3059 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Pulizija taħt il-Kategorija A u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurtà, jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni; (2) saq l-istess vettura b'ġiri aktar milli jmissu; (3) b'manjera traskurata; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Borg jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Mejju, 1994 li biha dik il-Qorti, wara li sabet lill-imsemmi Jason Borg ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu multa ta' mitejn u sebgħin lira (LM270) b'sentejn żmien għall-ħlas u skwalifikatu milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' tnax-il xahar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Borg, minnu ppreżentat fit-13 ta' Mejju, 1994, li bih talab ir-riforma tas-sentenza kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant qiegħed jippretendi li f'dana l-każ għandu jiġi applikat l-artikolu 37 tal-Kap. 9 *stante* li hu kien għalaq l-14-il sena iżda ma kienx għadu għalaq it-18-il sena fil-mument li kkommetta r-reati li tagħhom instab ħati. Dana l-appell hu prattikament identiku għall-appell numru 141/ 94 u 142/ 94 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Carmelo Frendo" deċiżi b'sentenza waħda minn din il-Qorti illum. Kemm f'dak il-każ kif ukoll f'dana l-każ

hemm erba' reati (għalkemm f'dan il-każ dawn huma tliet delitti u kontravvenzjoni waħda u mhux, bħal f'dak il-każ, żewġ delitti u żewġ kontravvenzjonijiet) u d-dispożizzjoni ta' liġi involuti għandhom l-istess pieni. A skans ta' ħafna ripetizzjoni dina l-Qorti għalhekk tagħmel piena referenza għall-motivazzjonijiet miġjuba fis-sentenza tagħha ta' llum fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Carmelo Frendo". Il-Qorti iżżid tirrimarka li l-fatt li hu applikabbli l-artikolu 37 tal-Kap. 9 ma jfissirx u ma għandux jiġi interpretat bħala li jfisser li żgħażagħ taħt it-18-il sena jistgħu jinjoraw kważi impunement il-liġi dwar il-liċenzji tas-sewqan għax kulma jistgħu jeħlu hi ammenda. Kif ġie spjegat fis-sentenza ċċitata, l-artikolu 37 tal-Kap. 9 ma jeskludix l-applikazzjoni, fil-każijiet li jkunu hekk jimmeritaw ta' priġunerija jew ta' detenzjoni; u l-Avukat Ġenerali dejjem jista' jappella u jirrikorri quddiem dina l-Qorti, taħt l-artikolu 26 tal-Kap. 65 u l-artikolu 413 (1A) tal-Kap. 9, jekk jidhirlu li l-piena applikata mill-ewwel Qorti ma kinitx tirrispekkja l-gravità tal-każ;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell kif ġej, u ċjoè billi tikkonferma s-sentenza appellata kwantu għall-ħtija u għall-iskwalifika mill-liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax-il xahar, però tħassarha kwantu għall-multa ta' mitejn u sebgħin lira (LM 270) b'sentejn żmien għall-ħlas u minflok din il-multa tikkundanna lill-Jason Borg għall-ammenda ta' mitt lira (LM100) u tordna li dina l-ammenda tista' titħallas b'rati ta' mhux anqas minn għaxar liri (LM10) fix-xahar, l-ewwel pagament dovut fl-4 ta' Lulju, 1994, u b'dan li jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih, u dan skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kap. 9.